**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 499**

KAZ NRU. 674

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Paul Chetcuti

u

Gazelle Couriers Ltd.
kif rapprezentata minn
Albert Zammit

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 18 ta' Mejju, 1993

**Chairman: Is-Sur Anthony Farrugia L.P.**

## I. INTRODUZZJONI

Dan il-Kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra markata ME/62/92/15 li ggib id-data tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April, 1992 biex jigi deciz skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. PROVI

Peress li l-Gazelle Couriers Ltd., il quddiem tis-sejjah il-Kumpanija, fl-istqarrija tal-Kaz taghha, fost allegazzjonijiet ohra, allegat li Paul Chetcuti, il quddiem jissejjah l-appellant, kien "abbanduna l-post tax-xoghol ghal kwazi xahar minghajr raguni valida", it-Tribunal ordna li l-provi jigu nvertiti u jkunu limitati fuq din l-allegazzjoni.

.../2

Il-Kumpanija, biex issostni din l-allegazzjoni fis-sens li l-appellant, wara li kien intbghat bil-"leave", kellu jerga' jidhol lura ghax-xoghol, ipproduciet diversi xhieda. Is-Sur Patrick Mallia Dato, waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Ottubru, 1992, inter alia, xehed testwalment:

"M'hux ordni, tajtu "instruction", ghidtlu jekk inti trid tahdem mal-Kumpanija, ibda mill-aktar fis possibbli, preferibilment ghada..." (fol. 40)

"Ghandi nghid, Mr. Chairman, li fl-opinjoni tieghi, il-fatt, il-"conclusion" saret on 14th., December meta bghatna ghalih ghidnilu ejja u rraporta ghax-xoghol dik, hemmhekk kienet il-"conclusion" bhala "management".

"Bhala "management", kif ghidtha jiena bhala "management" dik kienet l-ordni u kieku ried gie, gie "under protest", gie, mar ghand l-Union, ipprotesta pero' d-direttivi tieghu kienu cari li hu kellu jirraporta ghax-xoghol".

"Ittra ma saritx pero' verbalment intqal, il-messagg wasallu li hu jrid jirraporta ghax-xoghol, jekk irid ix-xoghol tieghu irid jirraporta ghax-xoghol". (fol. 49 - 50).

Waqt l-istess seduta, is-Sur John Abela, inter alia, xehed testwalment:

"...u jiena minn naha tieghi ghidtlu Paul ghidtlu ahna ghandna bzonnok ghaliex hemm haddiehor bil-"leave", ikun hemm ir-"rush" tal-Christmas, ghandna bzonnok minn ghada, jekk jghogbok biex tidhol ghax-xoghol l-ghada" (fol. 4)

Dan id-diskors sar fl-erbghatax (14) ta' Dicembru 1991.

In kontro ezami, waqt l-istess seduta, l-istess Sur Apela, inter alia, xehed testwalment:

> "....jiena ghidtlu biex jidhol ghax-xoghol l-ghada, qalli jrid jahsibha" (fol. 16) u
>
> "Ghidtlu idhol ghax-xoghol ghada". (fol. 17).

Is-Sur Alphonse Meli, is-Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union, li taghha, f'dak iz-zmien, kienu membri l-impjegati tal-Kumpanija, waqt is-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 1992, inter alia, xehed testwalment:

> ".....beda riesaq il-Milied u Paul kien jghidli li anke jixtieq jiehu parir barra dak il-parir li ntih jien. Naturalment jien ma' kontx inzommlu li ma' jiehux pariri ohra fejn jidhirlu li ghandu jiehu" u
>
> "Il-Kumpanija, naturalment, kienet tigri warajja" u
>
> "U anke wasalt jien biex lill-Kumpanija ghidtilha isma', jekk tordnawh ghax-xoghol, inthom tridu tordnawh. Naf ukoll li kienu waslu fi stat illi jekk m'hux se' jaghmel dak li qed tghidlu l-Kumpanija jista' isib ruhu mkecci." (fol. 8)

Minn naha tieghu, l-appellant ibbaza t-tezi tieghu fuq li ried jiehu parir minghand il-konsulent legali tieghu dwar il-bidla tax-xoghol tieghu ghaliex hu baqa' jinsisti

.../4

li l-Kumpanija tghatih bil-miktub il-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu fil-kariga l-gdida li offrietlu.

Dwar din l-insistenza tieghu, l-appellant, fuq domanda tad-difensur tieghu, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Dicembru, 1992, xehed testwalment:

> "Ghax kien hemm diretturi ohra li qabel ma' kienux meta kont qed nahdem qabel" u "Li dawn forsi jiena, jiddew xi xoghol gdid jew jergghu jitfawni nispicca mix-xoghol. Ma' nafx. Pero' d-diretturi nbidlu u hassejt li la nbidlu kien hemm xi diretturi ohrajn godda, li jekk forsi kien hemm kelma, kelma ta' l-irgiel li tawni meta bdejt dak ix-xoghol, dan speci d-direttur inbidel, irridha bil-miktub". (fol. 57 - 58)

## III. KONSIDERAZZJONIJIET

Gie ritenut diversi drabi minn dan it-Tribunal li caqliq ta' impjegat minn xoghol ghal iehor hu prerogativa tal-"management" sa' kemm dan l-istess caqliq ma' jkunx ta' l-icken pregudizzju ghall-istess impjegat.

Fil-Kaz li ghandu quddiemu t-Tribunal, gie pruvat b' mod soddisfacenti, li l-Kumpanija offriet lill-appellant il-post ta' "sales and marketing manager" minflok dak ta' "operations manager" li kien jokkupa u dan bl-istess kondizzjonijiet li kellu, jekk m'hux ahjar, fis-sens li l-Kumpanija offrietlu wkoll li, jekk ikun hemm bzonn, juza l-karrozza privata tieghu u ta' dan jithallas "allowance" li sa' dak iz-zmien ma' kenitx tinghata.

Dwar din l-offerta l-appellant kellu kull dritt li jikseb parir minghand dik il-persuna li l-aktar kellu fiducja fiha, hi min hi.

Rigward l-esigenza da' parti ta' l-appellant li l-Kumpanija tghatih bil-miktub il-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu, haga li qatt ma' kellu qabel, il-ligi, jew ahjar il-Kapitolu 135 fl-artikolu 31 tipprovdi li "kuntratt ta' servizz" jista' ma' jkunx bil-miktub.

L-appellant zgur ma' kellu ebda dritt li jassenti ruhu minn fuq ix-xoghol bla permess u minghajr ebda raguni valida, assenza li damet ghal xi gimghat; assenza simili l-Principal ghandu kull dritt iqisha bhala "abbandun ta' l-impjieg" da parti ta' l-istess impjegat, kif fill fatt qisitha l-Kumpanija.

## IV. <u>DECIZJONI</u>

Ghar-ragunijiet premessi, it-Tribunal hu tal-fehma li l-Kumpanija, cioe' l-Gazelle Couriers Ltd., kif rappprezentata minn Albert Zammit, ippruvat sodisfacentement l-allegazzjoni taghha li l-appellant, cioe' Paul Chetcuti, "abbanduna l-post tax-xoghol minghajr raguni valida" u ghalhekk, wara li jiddikjara bhala pruvata sodisfacentement l-imsemmija allegazzjoni, jiddeciedi l-Kaz billi ma' jiehux aktar konjizzjoni tieghu.

Ghal-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jitnallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet, it-Tribunal qieghed jintaxxa,

lil kull wiehed miz-zewg difensuri, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-kaz.

Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mrg